MT

TEATRU MALTA

SEJĦA GĦAL SERVIZZ

# MANIĠER TAL-BRAND U TAL-MARKETING

MA' TEATRU MALTA GĦALL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

ARTS COUNCIL MALTA

teatrumalta.org.mt

**Teatru Malta hija l-kumpanija nazzjonali Maltija tat-teatru.**

Aħna qed infittxu li nqabbdu fornitur tas-servizz esperjenzat u entużjast biex iservi bħala **Maniġer tal-Brand u tal-Marketing** għal medja ta' 40 siegħa fil-ġimgħa, biex joħloq, ifassal strateġiji u jimplementa kampanji ta' marketing u inizjattivi tal-brand fil-kalendarju tal-avvenimenti ta' Teatru Malta u fil-branding u l-marketing ġenerali tal-kumpanija.

Il-Maniġer tal-Brand u tal-Marketing jirrapporta lill-Kap tal-Produzzjonijiet u lid-Direttur Artistiku/Direttur Ġenerali ta' Teatru Malta għall-Kunsill Malti għall-Arti.

**Tul ta' Żmien**

It-terminu maħsub huwa għal **tliet (3) snin** li jibda mill-15 ta' Mejju 2023, inkluż il-perjodu ta' trasferiment mill-Eżekuttiv tal-Brand u tal-Marketing attwali.

*Nomenklaturi li jindikaw il-ġeneru maskili jinkludu wkoll il-ġeneru femminili u mhux binarju.*

## Dmirijiet u Responsabbiltajiet

Id-dmirijiet tal-offerent magħżul għandhom jinkludu iżda mhumiex limitati għal:

- Jaħdem mill-qrib mad-Direttur Artistiku/ Direttur Ġenerali ta' Teatru Malta fuq l-iżvilupp ta' strateġija tal-brand u tal-marketing skont il-viżjoni, l-etos u l-programm ta' Teatru Malta;
- Joħloq u jmexxi l-kampanji ta' brand u ta' marketing għall-ħolqien ta' kuxjenza ġenerali dwar il-brand ta' Teatru Malta, il-produzzjonijiet individwali tiegħu, id-diversi inizjattivi, billi joħolqu kontenut, disinni, promozzjonijiet u kampanji ta' reklamar interessanti kemm f'format stampat kif ukoll diġitali, bl-intenzjoni li jinħolqu leads u jinġiebu u jinżammu l-klijenti għal Teatru Malta;
- Jimmaniġġja u jikkoordina mat-tim kreattiv internament u ma' fornituri tas-servizz terzi oħrajn fuq l-implimentazzjoni ta' pjanijiet u ta' strateġiji ta' marketing integrati fuq terminu qasir u twil;
- Jidentifika l-udjenzi fil-mira u l-għanijiet tal-kampanji għall-produzzjonijiet, il-prodotti, id-ditti, jew is-servizzi billi jirriċerka, janalizza u jiġbor fil-qosor ix-xejriet tas-suq, billi jistudja l-imġiba u l-istrateġiji tas-swieq kompetituri, u jżomm ruħu aġġornat fuq l-attivitajiet u x-xejriet tal-industrija;
- Filwaqt li jiżgura l-konsistenza, jiżviluppa b'mod kontinwu l-identità u l-vuċi tad-ditta ta' Teatru Malta fil-kampanji kollha u fuq kull mezz ta' komunikazzjoni;
- Jevalwa u jkejjel l-effettività tal-istrateġiji tal-marketing integrati, billi jivvaluta u janalizza kontinwament metriċi ewlenin u jirrapporta dwar ir-riżultati tal-kampanji biex jiġi implimentat it-titjib fejn meħtieġ.
- Jimmaniġġja l-baġits għall-marketing u l-inizjattivi li jrendu dħul (fosthom il-biljetti u l-pubblikazzjonijiet) ta' Teatru Malta biex jkunu jistgħu jimmonitorjaw l-ispejjeż u wkoll jikkalkolaw redditu fuq l-investiment xieraq, u jottimizzaw il-kampanji kif xieraq;
- Jiżgura li d-dokumentazzjoni rilevanti tinżamm għal kull produzzjoni/inizjattiva bħala parti mill-inizjattivi ta' riċerka u ta' arkivjar ta' Teatru Malta;
- Jissorvelja l-ksib tas-servizzi rilevanti skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi u skont il-linji gwida amministrattivi ta' Teatru Malta, u jimmaniġġja l-kuntratti relatati sabiex jiżgura l-aderenza mal-baġits u maż-żminijiet tal-konsenja. Dan jiżgura li wieħed jimxi mal-iskedi tal-kampanji u jikkontribwixxi effettivament għad-dipartimenti amministrattivi u ta' produzzjoni ta' Teatru Malta;

(ikompli)

- Jimmaniġġja kwalunkwe relazzjonijiet pubbliċi, l-organizzazzjoni tal-avvenimenti minn pożizzjoni ta' marketing u branding, il-metodi tad-distribuzzjoni, ir-riċerka dwar is-suq, il-kitba tar-rapporti, l-ilħuq ta' udjenza u l-immaniġġjar tar-relazzjoni mal-klijenti bħala parti mill-koordinazzjoni tal-kampanji;

- Jorganizza u jekk neċessarju jidderieġi sessjonijiet fotografiċi u vidjografiċi inkluż dokumentazzjoni viżiva, għal kwalunkwe produzzjoni, proġett, jew inizjattiva meħtieġa bbażati fuq il-ħtiġijiet tal-klijenti fejn u kif meħtieġ;

- Jikkuntattja l-istabbilimenti tal-media u jinnegozja r-rati tal-prenotazzjoni b'mod proattiv filwaqt li jirreaġixxi wkoll għall-opportunitajiet tal-marketing;

- Jiltaqa' b'mod regolari mad-Direttur Artistiku u mad-Direttur Ġenerali u mal-Kap tal-Produzzjonijiet biex jiddiskutu r-rapporti, l-istrateġiji jew kwalunkwe kwistjonijiet oħra relatati mal-branding u mal-marketing.

- Iwettqu riċerka kif assenjat mid-Direttur Artistiku/Direttur Ġenerali biex jipprovdu rakkomandazzjonijiet xierqa;

- Iżomm relazzjoni ta' xogħol tajba mal-fornituri tas-servizz u mal-impjegati kollha involuti fil-Kunsill.

## Kwalifiki u Esperjenza Meħtieġa

Il-kandidati jrid ikollhom:

- Grad ta' Maġisteru postgradwatorju fil-Livell 7 tal-MQF rikonoxxut u rilevanti fil-marketing tal-arti u l-kultura jew oqsma simili u/jew esperjenza tax-xogħol rilevanti, b'track record muri fil-marketing u l-branding ta' proġetti kulturali u tal-immaniġġjar ta' kampanji għal minimu ta' 5 snin.

**U**

- Għarfien tas-settur teatrali, tal-industriji kreattivi u tal-ekonomija kreattiva lokali, fil-kuntest usa' Ewropew/Mediterran.
- Kapaċità li jimmaniġġjaw ambjent fejn ikun hemm iktar minn mexxej wieħed, jikkollaboraw f'diversi dipartimenti u jinfluwenzaw il-livelli kollha tal-organizzazzjoni.
- Kapaċità li jistabbilixxu u jżommu relazzjonijiet pożittivi ma' varjetà ta' kollaboraturi u partijiet interessati.
- Ħiliet ta' komunikazzjoni proficjenti kemm fil-Malti kif ukoll fl-Ingliż, b'ħiliet interpersonali u ta' smigħ eċċellenti.
- Kapaċità li jaħdmu kemm b'mod indipendenti kif ukoll f'tim, b'attenzjoni mogħtija għad-dettall.
- Fehim tal-politika tal-Gvern, kif ukoll tal-inċentivi u tal-leġiżlazzjoni.
- Kapaċità li jaħdmu taħt pressjoni u fi żmien opportun.

↓ **Ma Kuraġġ** (2022)
*Ritratt ta' Elisa von Brockdorff*



## Il-Kundizzjonijiet tal-Kuntratt

- Il-kandidat magħżul se jingħata kuntratt ta' servizz full-time definit għal tliet (3) snin.

- Filwaqt li jaħdem b'mod flessibbli għal medja ta' 40 siegħa/ġimgħa biex jilħaq it-talbiet u r-rekwiżiti tal-pożizzjoni, il-kandidat magħżul se jkun meħtieġ jaħdem skont ir-regoli u r-regolamenti tas-Servizz Pubbliku ta' Malta. B'mod okkażjonali, se jkunu meħtieġa jaħdmu tard jew fi tmiem il-ġimgħa biex jilħqu d-dati tal-għeluq jew minħabba l-ħtiġijiet tal-produzzjoni.

- Il-Maniġer tal-Brand u tal-Marketing se jwieġeb lill-Kap tal-Produzzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-fluss tax-xogħol u mal-produzzjonijiet, u lid-Direttur Artistiku/Direttur Ġenerali ta' Teatru Malta dwar il-viżjoni, l-estetika u l-etos ġenerali tal-branding u tal-marketing ta' din l-inizjattiva tal-Kunsill Malti għall-Arti.

## Informazzjoni Dwar is-Salarju

Ir-remunerazzjoni hi ta' EUR 30,000.00 (teskludi l-VAT iżda tinkludi kwalunkwe taxxa jew tariffa oħra) fis-sena għal medja ta' 40 siegħa fil-ġimgħa mill-uffiċċju u/jew fuq is-sit kif meħtieġ.

Il-pagament se jiġi pproċessat kull xahar mill-Kunsill Malti għall-Arti mal-wasla ta' fattura b'numru tal-VAT validu.

↓ **L-Għarusa** (2022)
*Ritratt ta' Elisa Von Brockdorff*



## Applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet, kompletati mid-dokumentazzjoni meħtieġa, ittra ta' akkumpanjament, u Curriculum Vitae dettaljata għandhom jaslu għand **contact@teatrumalta.org.mt** sa mhux iktar tard mill-**24 ta' April 2023, nofsinhar**, biex jiġu intervistati fit-2 u fit-3 ta' Mejju 2023, matul il-ġurnata.

L-applikanti jrid ikollhom numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT validu. Il-fornitur tas-servizz magħżul se jkun responsabbli għat-tassazzjoni u għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali rilevanti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

L-applikanti eliġibbli magħżula se jintalbu jattendu intervista għall-għażla.